# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 1 ta' Diċembru, 2021.**

**Numru 1**

**Rikors numru 117/19/1 AF**

**Raymond Vassallo**

**v.**

**L-Avukat tal-Istat u b'digriet tad-19 ta' Frar 2020 ġew kjamati in kawża s-soċjeta` Regent Holdings Limited, il-Perit William Carbonaro u martu Gabriella Carbonaro, il-Perit Edward Micallef u martu Anna Micallef u l-Perit Anthony Parlato Trigona u martu Ingrid Parlato Trigona**

1. L-attur ressaq ir-rikors kostituzzjonali tiegħu fis-16 ta' Lulju 2019 permezz ta' liema lmenta li l-provvediment tal-31 ta' Jannar 2017 mogħti fil-kawza numru 750/2009 JZM fl-ismijiet Raymond Vassallo v. William Carbonaro et kien leżiv tad-dritt tiegħu għall-aċċess effettiv għall-Qorti u leżiv ukoll tad-dritt tiegħu għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tiegħu.

Huwa talab lill-Qorti sabiex tagħti dawk ir-rimedji li jirriżultaw xierqa, inkluż it-tħassir tal-provvediment imsemmi u t-tħassir tat-trasferiment li sar konsegwenza tal-istess, oltre li tillikwida kumpens non-pekunarju għal-leżjonijiet sofferti minnu. Il-provvediment impunjat mill-attur f'dawn il-proċeduri kostituzzjonali kien ġie mogħti waqt proċeduri ġudizzjarji mibdija minnu ai termini tal-Artikolu 402 tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta bħala azzjonista minoritarju fil-kumpanija Regent Holdings Limited. F'dawn il-proċeduri l-attur kien ilmenta illi l-kumpanija kienet qed titmexxa b'mod oppressiv, diskriminatorju jew inġustament bi preġudizzju għalih billi kienet qed titmexxa fl-interess predominanti tal-azzjonisti u diretturi William Carbonaro u Anthony Parlato Trigona. Permezz tal-provvediment tal-31 ta' Jannar 2017 il-Qorti sabet ġustifikat l-ilment tal-attur u ordnat il-bejgħ tal-ishma kollha tiegħu u ġie appuntat awditur mill-Qorti sabiex jivvaluta l-ishma proprjeta` tal-attur. L-awditur kien wasal għall-konklużjoni, a bażi tan-*non-audited management accounts* tal-kumpanija li l-valur tal-ishma tal-attur huwa fin-negattiv ta' €2,714. L-attur kien talab li jiġu appuntati periti perizjuri iżda din it-talba ġiet miċħuda u l-attur ma deherx għat-trasferiment tal-ishma taħt protesta. Huwa sussegwentement intavola rikors kostituzzjonali kontra l-Avukat tal-Istat li ta lok għal dawn il-proċeduri.

2. Fir-risposta tiegħu l-Avukat tal-Istat eċċepixxa preliminarjament li ladarba dawn il-proċeduri jistgħu jolqtu l-interess ta' terzi li m'humiex parti

fil-kawża, huwa xieraq li dawn it-terzi jkunu parti mill-proċeduri għall-finijiet ta' integrita` tal-ġudizzju. Sussegwentement l-attur kien talab li jiġu kjamati in kawża l-konvenuti kollha li kienu ġew intimati fil-kawża numru 750/2009, liema talba ġiet milqugħa mill-Ewwel Qorti fid-19 ta' Frar 2020. Dakinhar il-Qorti kienet ħalliet il-kawża sabiex jiġu notifikati l-kjamati in kawża, u l-kawża ġiet differita għat-12 ta' Mejju 2020. Il-kjamati in kawża preżentaw ir-risposta kostituzzjonali tagħhom fit-13 ta' Ottubru 2020, u fil-21 ta' Ottubru 2020 l-attur kien preżenta rikors permezz ta' liema talab li l-kjamati in kawża jiġu dikjarati kontumaċi stante li kienu preżentaw ir-risposta tagħhom tardivament. Din it-talba ġiet miċħuda mill-Ewwel Qorti permezz ta' deċiżjoni datata 15 ta' Diċembru 2020 li taqra hekk:

> "Il-Qorti,
> Regghet rat ir-rikors;
> Rat ir-risposta;
> Qieset l-insenjament ta' dawn il-Qrati kif jidher fid-decizjoni Spiteri vs Avukat Generali (19 ta' Ġunju, 2001) u ma ssib ebda raguni biex tiddipartixxi minnu.
>
> Tichad it-talba."

3. L-attur ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fil-21 ta' Ġunju 2021 permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex tħassar, tannulla u tirrevoka d-digriet appellat.

4. L-Avukat tal-Istat ippreżenta r-risposta tal-appell tiegħu fit-8 ta' Lulju 2021 permezz ta' liema ssottometta li l-appell odjern għandu jiġi miċħud u d-digriet appellat għandu jiġi kkonfermat, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant.

5. Regent Holdings Limited, il-Perit William Carbonaro u Gabriella Carbonaro, il-Perit Edward Micallef u Anna Micallef u Anthony Parlato Trigona u Ingrid Parlato Trigona ppreżentaw ir-risposta tal-appell tagħhom fl-20 ta' Lulju 2021 permezz ta' liema ssottomettew illi l-appell odjern għandu jiġu miċħud u d-digriet appellat għandu jiġi kkonfermat, bl-ispejjeż kontra l-appellant.

**Ikkonsidrat;**

6. L-attur jargumenta li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta sejset id-deċiżjoni tagħha interament fuq is-sentenza fl-ismijiet Domenico Savio sive Savio Spiteri et v. Avukat Generali et tad-19 ta' Ġunju 2001 peress illi fiż-żmien meta ngħatat din is-sentenza ma kien hemm ebda terminu stabbilit fil-liġi għall-preżentata ta' risposti f'kawżi kostituzzjonali u għalhekk ma kienx possibbli li tiġi dikjarata kontumaċja. Jikkontendi li fl-2008 il-Ligi Sussidjarja 12.09 ġiet emendata u ġie nkluż proviso għar-regolament numru 4 skont liema konvenut f'kawża kostituzzjonali dejjem għandu għoxrin ġurnata sabiex jippreżenta r-risposta tiegħu, u dan sakemm il-Qorti ma tqisx illi l-kwistjoni hija ta' natura aktar urġenti minn hekk. Isostni illi minkejja dan il-kjamati in kawża preżentaw ir-risposta tagħhom erba' xhur tard mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi u għalhekk l-

Ewwel Qorti kellha tiddikjarahom kontumaċi u tordna l-isfilz tar-risposta tagħhom mill-atti tal-kawża.

7. L-Avukat tal-Istat jirribatti illi appell minn digriet dwar jekk tintlaqax talba għall-isfilz ta' dokument jista' jsir biss wara l-għoti ta' sentenza definittiva u flimkien ma' appell minn dik is-sentenza ai termini tal-Artikolu 229(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk dan l-appell mhux biss huwa intempestiv iżda qiegħed jipprolunga inutilment il-proċeduri ġudizzjarji. Jargumenta mingħajr preġudizzju għal dan illi l-istitut tal-kontumaċja ma japplikax fi proċeduri kostituzzjonali peress illi dawn ma jinbdewx permezz ta' rikors ġuramentat kif meħtieġ mill-Artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Isostni li l-insenjament tal-Qorti fil-kawża ċitata mill-Ewwel Qorti għadu japplika sallum-il ġurnata peress illi l-liġi għadha s'issa ma timponi l-ebda sanzjoni għall-preżentata tardiva ta' risposta fi proċeduri kostituzzjonali, u lanqas ma tipprovdi għal terminu perentorju f'kawżi quddiem qrati kostituzzjonali. Jargumenta wkoll illi f'dan il-każ żgur ma jista' jkun hemm l-ebda disprezz tal-Qorti peress li l-Qorti qatt ma mponiet terminu *entro* liema l-kjamati in kawża kellhom iressqu r-risposta tagħhom.

8. Il-kjamati in kawża jargumentaw illi dan l-appell huwa fieragħ, null u bla bażi u għalhekk għandu jiġi miċħud minnufih peress illi fi proċeduri kostituzzjonali m'huwiex possibbli li jsir appell minn digrieti, u dan

irrispettivament mill-fatt li l-Ewwel Qorti laqgħet it-talba tal-attur sabiex jippreżenta l-appell odjern. Jargumentaw ukoll illi fi proċeduri kostituzzjonali m'hemmx terminu ta' għoxrin ġurnata entro liema għandha tiġi ppreżentata r-risposta u l-Artikolu 158 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma jgħoddx għal dawn il-proċeduri. Isostnu li biex ikun japplika terminu fil-konfront tagħhom huma għandhom ikunu avżati bih b'mod ċar u preċiż kif jiġri f'ċirkostanzi oħra, u ġaladarba huma ma ġew avżati bl-ebda terminu ma jistax ikun li ppreżentaw ir-risposta tagħhom tardivament. Jgħidu li fi kwalunkwe każ qatt ma kien hemm xi intenzjoni li jintwera d-disprezz lejn il-Qorti u li kien hemm raġunijiet validi għalfejn ir-risposta tagħhom ġiet ippreżentata f'Ottubru.

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

9. Il-Qorti tibda billi tirrileva illi l-argument tal-Avukat tal-Istat illi dan l-appell ma setax isir f'dan l-istadju huwa żbaljat. L-Avukat tal-Istat isejjes dan l-argument tiegħu fuq l-Artikolu 229(1)(j) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li jittratta appelli minn digrieti dwar jekk tintlaqax jew le talba għall-isfilz ta' dokumenti mill-atti tal-kawża. Pero`, irrispettivament mill-kwistjoni dwar jekk l-istitut tal-kontumaċja huwiex applikabbli fi proċeduri kostituzzjonali, jibqa' l-fatt illi t-talba tal-attur ma kinitx waħda sempliċi għall-isfilz tar-risposta tal-kjamati in kawża iżda għal dikjarazzjoni ta' kontumaċja. Fil-fatt fir-rikors tiegħu tal-21 ta' Ottubru 2020 huwa talab

testwalment hekk: “Għaldaqstant, għar-raġunijiet suespost, l-esponenti umilment jitlob li din il-Qorti tiddikjara li l-kjamati fil-kawża huma fi stat ta' kontumaċja u konsegwentement tordna l-isfilz tar-risposta tagħhom ippreżentata fit-13 ta' Ottubru 2020…” Fid-deċiżjoni appellata l-Ewwel Qorti ddeċidiet li “tiċħad it-talba” u għalhekk huwa ċar illi hawn si tratta dwar deċiżjoni dwar kontumaċja, u mhux sfilz ta' dokument mill-atti. L-isfilz tar-risposta preżentata mill-kjamati in kawżi in kwistjoni huwa sempliċiment konsegwenti għad-dikjarazzjoni ta' kontumaċja tal-kjamati in kawża. Għalhekk huwa żbaljat l-Avukat tal-Istat meta jargumenta illi dan l-appell ma setax jiġi preżentat f'dan l-istadju peress illi huwa risaput illi deċiżjoni dwar kontumaċja m'hijiex digriet iżda hija sentenza (ara per eżempju: **Alfred Piscopo v. Direttur tas-Servizzi Soċjali,** Appell, 04/05/1992), u għalhekk id-deċiżjoni appellata hija suġġetta għar-regoli dwar appelli minn sentenzi parzjali u mhux għar-regoli dwar appelli minn digrieti. Minn dan isegwi illi l-argument tal-kjamati in kawża bbażat fuq il-possibilita` li jsir appell minn digriet f'kawżi kostituzzjonali huwa wkoll żbaljat, ġaladarba hawn si tratta ta' sentenza parzjali u mhux digriet. Ġaladarba jirriżulta illi l-attur ottjena l-awtorizzazzjoni neċessarja biex iressaq dan l-appell (ara d-digriet tal-Ewwel Qorti tal-14 ta' Ġunju 2021) ma jirriżulta l-ebda difett proċedurali jew intempestivita` fil-preżentata tal-appell odjern.

10. Il-Qorti tirrileva illi t-talba tal-attur għall-isfilz tar-risposta tal-kjamati in kawża hija nfondata anke fuq il-bażi ta' argument dwar l-allegata preżentata tardiva tagħha. Mill-proviso tar-regolament numru 4(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09 jirriżulta illi t-terminu għall-preżentata ta' risposta għal rikors kostituzzjonali għandu jiġi ffissat mill-Qorti, għalkemm il-Qorti għandha dejjem tagħti għoxrin ġurnata żmien sakemm ma jkunx jirriżulta illi l-kawża hija ta' natura aktar urġenti minn hekk. F'dan il-każ jirriżulta li l-Ewwel Qorti ma ffissat l-ebda żmien għall-preżentata tar-risposta tal-kjamati in kawża. Inoltre, kif sewwa josservaw il-kjamati in kawża mkien ma ġie ndikat lilhom li kellhom xi terminu entro liema kellhom iressqu r-risposta tagħhom. Aktar minn hekk, lanqas jirriżulta li kienu gew notifikati bid-data tad-differiment li kien imiss fil-proċeduri odjerni, jew li kienu fil-fatt ġew kjamati fil-kawża u li għalhekk kellhom jirrispondu għal dawn il-proċeduri, li mill-okkju kienu jidhru li kienu jinvolvu biss lill-attur u l-Avukat tal-Istat. F'dawn iċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti ma tqisx illi jista' raġonevolment jingħad illi l-kjamati in kawża naqsu milli jirrispondu għar-rikors kostituzzjonali tal-attur fil-ħin. Bħala konvenuti fil-kawża, il-kjamati in kawża għandhom jingħataw opportunita prattika u effettiv, u mhux teoretika u illużorja, li jirrispondu għal dawn il-proċeduri u jipparteċipaw fihom. Fiċ-ċirkostanzi, fejn lanqas biss jirriżulta illi l-kjamati in kawża kienu fil-fatt gew notifikati li kienu saru effettivament parti minn dawn il-proċeduri, il-Qorti tqis illi la jkun ġust u lanqas għaqli li r-risposta tagħhom tiġi sfilzata.

11. Għaldaqstant l-appell tal-attur qiegħed jiġi miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-attur, tikkonferma d-deċiżjoni appellata iżda għar-raġunijiet spjegati f'din is-sentenza, tibghat l-atti lura lill-Ewwel Qorti għall-prosegwiment tal-kawża.

Spejjeż ta' dan l-appell jitħallsu mill-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr